MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 11/2004

**A f' isimha proprju w in rapprezentanza tat-tifel minuri B.**

**vs.**

**C u d-Direttur tar-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici datata 23 ta' Jannar 2004 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attrici kellha relazzjoni mal-konvenut C minn liema realzzjoni twieldet tarbija, B, fit-22 ta' Dicembru 1989 (vide c-certifikat mmarkat bhala Dok. "JB1") liema tifel minuri huwa l-wild naturali ta' l-istess konvenut C;

Illi f'dak iz-zmien, il-konvenut kien mizzewweg u minhabba f'hekk il-konvenut ried u nsista ma' l-attrici li fic-certifikat tat-twelid tat-tarbija, fil-kolonna *"Isem u kunjom u post tat-twelid tal-missier"* jitnizlu l-kliem *"unkown father";*

Illi hemm lok illi c-certifikat tat-twelid tal-minuri B jigi emendat fis-sens illi l-paternita' ta' l-istess minuri tkun korrettament tirrispekja u tikkonforma mal-fatti illi l-konvenut C huwa l-missier naturali tal-minuri B;

Illi ghalkemm l-attrici sejhet lill-konvenut sabiex jirrikonoxxi lit-tifel minuri B bhala ibnu naturali, huwa baqa' inadempjenti;

Illi l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmi minuri B huwa iben naturali tal-konvenut C;

2. Tordna ghalhekk il-korrezzjoni mehtiega fl-Att tat-Twelid tal-minuri B, numru progressiv 248 tas-sena 1990, fis-sens li jigi mhassar mill-iskrizzjoni relattiva kull fejn jirrikorru l-kliem *"unkown father"* jew *"missier mhux maghruf"* u sostitwit bil-kliem *"C"* u jigu nseriti fil-kolonni rispettivi l-partikolarijiet kollha l-ohra li jirrizultaw mill-Att tat-Twelid tal-konvenut C;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 15 ta' Ottubru 2003 kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol 3 *et seq.* tal-process.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat il-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-gvern skond il-ligi datata l-2 ta' Marzu 2004.

Rat id-digriet tal-affidavit moghti fit-12 ta' April 2004 fejn il-Qorti pprefiggiet lill-partijiet ghoxrin (20) gurnata sabiex

jipprezentaw il-provi kollha li jistghu permezz tal-procedura tal-affidavit.

Rat il-verbal datat 19 ta’ Mejju 2004, fejn Dr. Kris Busietta ghall-attrici ta ruhhu b’notifikat bl-appuntament tas-smiegh tal-kawza.

Rat ir-rikors tal-Avukat Dr. Kris Busietta, datat 26 ta’ Mejju 2004, a fol. 17, fejn talab biex issir korrezzjoni fic-citazzjoni.

Rat id-digriet datat 27 ta’ Mejju 2004, fejn il-Qorti laqghat it-talba.

Rat in-nota tal-attrici **A** datata 28 ta’ Mejju 2004, a fol. 19, li permezz taghha prezentat l-affidavit **taghha.**

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, datata 24 ta’ Gunju 2004, a fol. 25 tal-process fejn eccepixxa :-

1. Illi fil-mertu huwa mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluzi dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghall-gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi jekk it-talbiet attrici jigu milqugha l-konvenut C ikun irid jitnizzel bhala *“missier illegittimu”;*

3. Illi l-attrici ghandha tispecifika d-dettalji personali kollha tal-konvenut C biex jekk it-talbiet attrici jigu milqugha dawn ikunu jistghu jigu inseriti fl-Att ta’ Twelid in kwistjoni;

4. Illi ghandha issir d-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* ta’ l-**artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta**;

5. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid m’ huwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m’ ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti;

6. Illi salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tieghu u l-lista tax-xhieda a fol. 26 u fol. 27 tal-process.

Rat li l-konvenut gie debitament notifikat personalment bic-citazzjoni attrici u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza fit-8 ta’ Gunju 2004 (*a tergo* ta’ fol. 24), izda baqa’ ma pprezenta l-ebda nota ta’ eccezzjonijiet u ghalhekk baqa’ kontumaci.

Rat il-verbal datat 4 ta’ Novembru 2004, fejn il-kawza giet differita ghall-iskop tal-verbal precedenti anke peress li l-istess Qorti kienet indisposta.

Rat in-nota tal-attrici datata 29 ta’ Dicembru 2004, a fol. 29 li permezz taghha pprezentat l-affidavit ta’ ommha **Carmen Bonett**.

Rat il-verbal datat 7 ta’ April 2005, fejn Dr. Kris Busietta ghall-attrici ddikjara li ma kellux provi izjed. Dr. Kris Busietta obbliga ruhhu li jesebixxi nota bid-dettalji rikjesti mid-Direttur tar-Registru Pubbliku. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ Gunju 2005.

Rat in-nota tal-attrici A datata 3 ta’ Mejju 2004, li permezz taghha prezentat certifikat tat-twelid tal-konvenut C.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi l-attrici qed titlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li binha B hu l-wild naturali tal-konvenut C.

Illi fil-fatt l-istess attrici nomine qed isostni li l-istess tifel huwa iben naturali tal-konvenut C, li ghalkemm ma ammettix it-talba attrici fl-ebda stadju tal-kawza huma ma opponix. C jinsab notifikat kemm bic-citazzjoni kif ukoll bl-

atti kollha tal-kawza.  Ghalhekk l-istess attrici *nomine* qed titlob li jigi ordnat it-tibdil mehtieg fic-certifikat tat-twelid ta' B li jkun jirrifletti r-realta' dwar il-paternita' tieghu.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attrici **A** kienet iltaqat mal-konvenut C fis-sena 1987, filwaqt li harget tqila bil-minuri B fl-1989 u l-minuri twieled fit-22 ta' Dicembru 1989.  L-attrici ssostni li hija kellha relazzjonijiet intimi biss mall-konvenut C u dan  mill-gurnata li ltaqat mieghu sal-gurnata tal-llum.  Fiz-zmien li twieled il-minuri B, il-konvenut C kien ghadu ghaddej minn proceduri ta' separazzjoni ma' martu, peress li huwa kien ghadu mizzewweg meta beda johrog mal-attrici.  Minhabba dan il-fatt huwa xtaq li t-tifel minuri jigi registrat fuq *"father unkown".*

Illi l-attrici xehdet li il-konvenut C dejjem qies lill-minuri bhala ibnu u pprovda ghall-manteniment tieghu.  Illum il-gurnata l-attrici A u l-konvenut C ghadhom jghixu flimkien u ghadhom tarbija ohra bl-isem ta' Erica li twieldet fl-1997 u li hija registrata bhala bint il-konvenut C, u ghal kull intenzjoni u bhala fatt l-istess koppja tghix bhala familja u ghal dak li jirrigwarda din il-kawza l-istess konvenut C dejjem ikkonsidra ruhhu bhala missier l-istess minuri mertu tal-kawza odjerna. Mid-dikjarazzjoni ta' l-omm ma' hemm l-ebda dubju li l-unika missier tal-minuri ma' jistax ikun hlief l-konvenut C *stante* li hija ddikjara solenement li minn mindu hija ltaqghet mal-konvenut hija ma' kellha l-ebda relazzjoni ma' ebda ragel iehor u allura wliedha kollha gew koncepiti mir-relazzjoni taghha ma' l-istess konvenut.

Illi dan kollu bl-ebda mod ma' gie kontradett mill-konvenuti u ghalhekk din il-Qorti thoss li ghandha tiddikjara li abbazi ta' l-istess provi attrici kkoroborati mix-xhieda ta' omm l-attrici Carmen Bonett fl-affidavit taghha tad-29 ta' Dicembru 2004, jirrizulta li t-talbiet attrici gew ippruvati u gie ghalhekk ippruvat li l-istess minuri huwa fil-fatt l-iben naturali tal-konvenut C, u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha b'dan ghalhekk li ghandhom jsiru l-korrezzjonijiet kollha necessarji sabiex l-istess minuri ma

jibqax jigi ndikat bhala iben missier mhux maghruf, izda l-wild naturali ta' C u tal-attrici A.

**III. KONKLUZZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku in kwantu l-istess jew uhud minnhom jistghu jikkontrastaw mat-talbiet attrici, u fil-kontumacja tal- tal-konvenut C, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmi minuri B li twieled fit-22 ta' Dicembru 1989 huwa l-iben naturali tal-konvenut C;

2. Tordna li jsiru ghalhekk il-korrezzjonijiet kollha mehtiega fl-Att tat-Twelid tal-minuri B, numru progressiv 248 tas-sena 1990, fis-sens li jigi mhassar mill-iskrizzjoni relattiva kull fejn jirrikorru l-kliem *"unkown father"* jew *"missier mhux maghruf"* u dawn jigu sostitwiti bil-kliem *"C"* u jigu nseriti fil-kolonni rispettivi l-partikolarijiet kollha l-ohra ta' l-istess konvenut C bin Joseph Attard u Mary Attard nee Brincat, imiwieled Paola fid-29 ta' Lulju 1958 u dettalji ohra li jistaw jirrizultaw mill-Att tat-Twelid tal-konvenut C, b' ghalhekk li l-isem ta' C ghandu jigi inserit fl-istess certifikat tal-minuri bhala missier l-istess tifel, u b'dan wkoll li ghandhom jigu nkluzi l-konnottati relattivi kollha ta' l-istess C konsonanti ma' dak indikat u rikjest fl-istess certifkat tal-minuri u li ghalhekk dak kollu li hemm bzonn, inkluz li huwa wkoll li l-imsemmi konvenut huwa mwieled Paola u residenti Fgura, u li kellu 31 meta twieled il-minuri u dettalji ohra li hemm bzonn.

Illi l-Qorti tordna wkoll li *ai termini* tal-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart (10) t'ijiem minn dak inhar li s-sentenza tghaddi f'gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghat lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess disposizzjonijiet tal-**Kap 16.**

Illi dwar il-kap tal-ispejjez dawn ghandhom jigu ssoportati mill-attrici proprju u mill-konvenut C, *stante* li ma jirrizultax mill-provi li tali zball kien imputabbli ghal xi raguni lill-konvenut l-iehor jew lill-minuri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------